

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Ġunju 2008

dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għal miżuri ta' emerġenza fil-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fil-Polonja fl-2007

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3047)

(It-test bil-Pollakk biss huwa awtentiku)

(2008/557/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(5) Il-Polonja ppreżentat lill-Kummissjoni tagħrif dwar l-ispejjeż imġarrba fl-4 ta' Frar 2008 u fit-13 ta' Marzu 2008, u komplet tipprovdi t-tagħrif kollu meħtieġ dwar l-ispejjeż ta' kumpens u n-nefqa operattiva.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 3(3) u 3a(1) tagħha,

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 349/2005, wara l-emenda tad-Deċiżjoni 90/424/KEE bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/53/KE ⁽²⁾, m' għadux ikopri l-influwenza tat-tjur. Għalhekk jeħtieġ li jiġi espressament ipprovdut f'din id-Deċiżjoni li l-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja lill-Polonja jkun suġġett għal konformità ma' ċerti regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipula l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. Skond l-Artikolu 3a ta' dik id-Deċiżjoni, l-Istati Membri jistgħu jiksbu kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għall-ispejjeż ta' ċerti miżuri għall-qerda ta' l-influwenza tat-tjur.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

(2) L-Artikolu 3a(3) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE jstabbilixxi regoli dwar il-perċentwal ta' l-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri li jistgħu jiġu koperti mill-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

(3) Fl-2007 seħħew tifqigħat ta' l-influwenza tat-tjur fil-Polonja. Il-preżenza ta' din il-marda tirrappreżenta riskju serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità. Il-Polonja ħadet il-miżuri, kif imsemmija fl-Artikolu 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, biex tiġġieled kontra dawn it-tifqigħat.

Artikolu 1

Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lill-Polonja

1. Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità tista' tingħata lill-Polonja għall-ispejjeż imġarrba minn dan l-Istat Membru fit-tehdid tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE fil-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur fl-2007.

(4) Il-Polonja kienet kompletament konformi ma' l-obbligi tekniċi u amministrattivi tagħha kif stipulati fl-Artikoli 3(3) u 3a(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE u l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 ⁽²⁾.

2. Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-Artikoli 2 sa 5 u l-Artikoli 7 u 8 u l-Artikoli 9(2), (3) u (4) u l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005 għandhom japplikaw *mutatis muntandis*.

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.

⁽³⁾ ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37.

*Artikolu 2***Arranġamenti għall-ħlas**

L-ewwel porzjon ta' 845 000,00 EUR għanda titħallas bħala parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja stipulata fl-Artikolu 1.

*Artikolu 3***Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membri tal-Kummissjoni
